# Beati u Qaddisin....Ottubru

## SAN INJAZJU TA' ANTIOKJA, ISQOF, MARTRI F'RUMA.

17 ta' Ottubru



Ir-ragel jismu Injazju – kien ihobb isejjah lilu nnifsu Theophoros, jew "dak li jgorr lil Alla" – kien parti mill -Knisja tal-era Appostolika. Ahna nafu ftit dwar hajtu bikrija. It-tradizzjoni tghid li kien konvertit. Hi x'inhi l-origini tieghu, sar it-tieni jew – jekk inqiesu lil

San Pietru bhala l-ewwel – it-tielet isqof ta' Antiokja, fil-provincja Rumana tas-Sirja, il-belt fejn "id-dixxipli gew imsejha ghall-ewwel darba Kristjani" (Atti 11:26). Injazju kien habib ta' San Polikarpo, li kien dixxiplu ta' San Gwann, ghalhekk huwa possibbli li Injazju wkoll kien jaf lid-dixxiplu mahbub.

Kwazi kollox li nafu dwaru gej mis-seba' ittri li kiteb wara l-arrest tieghu, li l-istoriku Eusebius ta' Caesarea jpoggi matul ir-regim tal-Imperatur Trajan, xi mkien bejn is-snin 107 u 110 W.K.

L-ittri kienu indirizzati lill-komunitajiet Kristjani li Injazju ghadda minnhom waqt li kien akkumpanjat minn "annimali selvaggi" – suldati Rumani – minn Antiokja ghal Ruma, fejn kien ser jinghata l-martirju meta jinxtehet fost l-annimali selvaggi. Dawn l-ittri huma xhieda prezzjuza tal-hajja u l-fidi tal-Knisja Appostolika.

Injazju ried iholl lill-Kristjani Lhud mill-idea li kellhom isegwu l-Ligi Mosaika. Minflok ma jinkwetaw bl-attivitajiet projbiti bla tmiem tas-Sibt Lhud, kiteb li l-Kristjani ghandhom jiccelebraw is-“Seba’ Jum," bhala l-jum tar-Risurrezzjoni, "bhala festa," ghax f'dak il-jum "hajjitna ... hadet hajja gdida ... u r-rebha fuq il-mewt giet miksuba f'Kristu."

Imma fuq kollox, Ignazju kien xhud bla heda tal-Kelma maghmula laham;  kien johodha kontra t-taghlim seduttiv tad-Docetisti, li ghallmu li l-Kelma ta' Alla saret laham biss fl-apparenza, u mhux realment.

Injazju, minn naha l-ohra, ra l-Inkarnazzjoni bhala xhieda suprema tal-Hniena ta' Alla. Sidna Gesu' kellu gisem reali bhalma l-bnedmin.

Injazju huwa l-ewwel li juza l-kelma katholicos, jew universali, biex jiddeskrivi l-Gisem tal-Mulej, il-Knisja fejn tkun migbura madwar isqof assistit mill-qassisin u d-djakni tieghu: "Fejn jidher l-isqof, hemm jingabru n-nies; bhal meta fejn ikun Gesù Kristu, hemm il-Knisja Kattolika."

FL-Ewkaristija, Injazju, isejhilha il-medicina ta' l-immortalita'. Jikteb lill-Knisja ta' Ruma, li jsejjah "preeminenti" fost il-Knisja kollha fil-karità, jitlobhom biex ma jappellawx is-sentenza tal-mewt tieghu. Dan l-isqof, gie arrestat fi zmien l-imperatur Trajanu, imma ma kienx moghti lmewt gewwa Antiokja. Haduh taht skorta ta' suldati rumani gewwa Ruma fejn hemm gie mitfugh fost l-annimali selvaggi

biex jiddevorawh u joffri spettaklu lin-nies pagani, ghatxana ghad-demm.

Hekk ta xiehda awtentika ghal dak Gesu' li huwa kien tant ihobb u jippriedka.